MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 10/2006

**Sacha Miguel Muscat sive Sacha Miguel Muscat Inglott**
**ID Numru 338200 (L)**

**Vs**

**Claudine Attard nominata b'digriet tal-25 ta' Jannar 2006 bhala Kuratrici Deputata sabiex tirrapprezenta lill-assenti Liana Loporto.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Peress illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fl-1 ta' Gunju 2001;

Peress illi permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok.A**, il-partijiet itterminaw il-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejniethom bhala r-regim li kellu jirregola r-relazzjonijiet patrimonjali bejniethom fiz-zwieg;

Peress illi fiz-zmien illi gie ffirmat il-kuntratt fuq imsemmi, l-attur kien ibati minn kundizzjoni medika u psikologika, u cirkostanzi korrollari u ancillari ghaliha, liema kundizzjoni affettwat il-kapacita' tieghu illi jaghti kunsens validu fuq il-kuntratt in kwistjoni kif rikjest mill-Ligi, skond kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi noltre, il-kunsens ta' l-attur fuq il-kuntratt in kwistjoni kien vizzjat stante illi l-attur resaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt b'rizultat tal-vjolenza morali u qerq ezercitati mill-konvenuta fil-konfront tieghu, kif ukoll minhabba l-fatt illi fi kwalunkwe kaz, l-attur kien fi zball ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 976 tal-Kodici Civili, u dan kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi ghalhekk, il-kuntratt in kwistjoni huwa null u minghajr ebda effett u ghandu jigi rexiss ghal kull fini u effett tal-Ligi;

Peress illi sussegwentement, permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. B** il-partijiet isseparaw minn ma' xulxin;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. Previa kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi, tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens ta' l-attur moghti fuq il-kuntratt datat 6 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph

Debono, kien vizzjat ghar-ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi kif fuq premess;

2. Tiddeciedi u tiddikjara konsegwentement illi l-kuntratt datat 6 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

3. Konsegwentement tirrexxindi u tannulla l-imsemmi kuntratt ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;

4. Tordna konsegwentement illi l-partijiet ghandhom jigu mqieghda lura fil-pozizzjoni illi kienu qabel l-imsemmi kuntratt tas-6 ta' Jannar 2004, u taghti kull dispozizzjoni ohra ancillari u necessarja skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 29 tal-process fejn eccepiet:**

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li l-gurizdizzjoni esklussiva hija vestita fl-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

2. Preliminarjament ukoll, l-irritwalita' u konsegwenti nullita' tat-talbiet ta' l-attur stante illi l-pretensjonijiet tieghu kellhom semai ikunu dedotti fl-ewwel lok permezz tal-procedura stabbilita fl-artikolu 9 ta' l-Avviz legali 397 tal-2003, liema procedura hija mandatorja u mhux fakoltattiva;

3. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta' l-attur huma nulli in kwantu l-Qorti kompetenti ma awtorizzatx li jsiru tali talbiet ai termini ta' l-artikolu 10 ta' l-Avviz Legali 397 tal-2003;

4. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi c-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett a tenur ta' l-artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta in

kwantu ma fihiex tifsira cara u sewwa tar-raguni tat-talba kontra l-konvenuta a tenur ta’ l-artikolu 156(1) (a). Dan in-nuqqas huwa manifest *inter alia* fejn ic-citazzjoni ma tispecifikax a bazi ta’ liema wiehed mill-kawzali allegati mill-attur huwa qieghed jippretendi li jirrendi l-att pubbliku *de quo* null. Dan in-nuqqas johloq ukoll pregudizzju lill-konvenuta stante li ma jqieghdiex f’pozizzjoni li tiddefendi ruhha b’mod effettiv mill-allegazzjonijiet diretti kontra taghha;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma jistghu qatt jintlaqghu kif proposti stante li jekk ikunu hekk akkolti tinholoq sitwazzjoni guridikament insostenibbli, ossia thalli lill-partijiet legalment separati minn xulxin izda bis-sistema tal-komunjoni ta’ l-akkwisti fis-sehh;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ta kunsens validu skond il-ligi u ghalhekk l-att pubbliku in kwistjoni mhux vizzjat izda huwa ghal kollox validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-nota a fol 23;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-eccezzjoni preliminari taghha l-konvenuta qed teccepixxi li dina l-Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni billi l-gurisdizzjoni esklussiva hija vestita fl-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

It-talba ta’ l-attur hi fis-sens li dina l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tieghu moghti fuq il-kuntratt datat 6

ta’ Jannar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, fejn il-partijiet itterminaw il-Komunjoni ta’ l-Akkwisti ezistenti bejniethom bhala r-regim li kellu jirregola r-relazzjonijiet patrimonjali bejniethom fiz-zwieg, kien vizzjat ghar-ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi.

Illi skond l-Avviz Legali 9/2004 regolamenti li jemendaw ir-regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Generali) u Qorti tal-Magistati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja), fl-iskeda, fl-artikolu 4. hemm ipprovvdut illi lill Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili li ghandhom x’jaqsmu ma:

Titoli 1,11 u IV ta’ l-ewwel ktieb tal-Kodici Civili;
L-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta’ Degrieti u Manteniment;
L-att dwar l-esekuzzjoni reciproka ta’ ordnijiet ta’ Manteniment;
L-att dwar iz-Zwieg u
L-att dwar is-sekwestru u l-kustodja ta’ minuri.

Imbaghad lill Prim Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja.

Fil-kaz in ezami l-provvedimenti dwar il-komunjoni jew separazzjoni tal-beni ma jaqghu taht ebda wiehed mit-titoli msemmija fl-artikolu 4 tal-AL9/2004. Di fatti meta jsir kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni ssir minuta li tigi prezentata f’dak li qabel kienet is-Sekond Awla ghall awtorizzazzjoni ta’ dik il-Qorti. Dik il-gurisdizzjoni tal-Qorti bhala Sekond Awla m’ghaddietx fis-Sezzjoni Qorti tal-Familja u ghalhekk kull att li jrid jattakka kuntratt li jkun sar ghas-separazzoni tal-beni bhal fil-kaz prezenti trid issir quddiem il-Qorti Civili Prim Awla u mhux qudiem il-Qorti tal-Familja.

Inoltre jigi rilevat li fil-kaz in ezami l-kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni sar qabel ma l-partijiet kienu ghamlu

l-kuntratt tas-separazzoni personali u ghalhekk fil-kuntratt tas-6 ta' Jannar 2004 il-partijiet kienu biss qed jiftiehmu dwar ix-xoljiment tal-kommunjoni ta' bejnithom. Din il-kawza ma tirrigwardax is-separazzjoni personali bejn il-partijiet jew bidliet f'xi affarijiet li huma regolati mill-kuntratt ta' separazzjoni imma hija bazata fuq vizzju ta' kunsens moghti f'kuntratt intiz biex jeskludi l-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta
Tiddikjara li dina l-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma dan il-kaz.
U tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni.
Spejjez ghall konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------